MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

13 t’Ottubru 2016

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI
Ma kienx hemm

ASSENTI
Ma kienx hemm

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Horace Gauci, ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

29.1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 27, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

29.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana issekondata mis-Sur Steven Grech, il-minuti ta' seduta 28, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

29.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

## 29.2 Punti mqajma mill-Minuti

29.2.1 Is-Sa. Janice Chetcuti talbet lill-Kunsill Lokali jghaddi dettalji dwar minuta 3.13 ta' Seduta 28.
Is-Sindku spjega d-dettalji tal-attivita'.

29.2.2 Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kenitx waslet xi korrispondenza b'konnessjoni ma' minuta 5.9 ta' Seduta 28 u diskussjoni dwar kumitat li kellu jitwaqqaf.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi ma kienet waslet ebda korrispondenza.

29.2.3 Is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi kien ircieva apologija b'konnessjoni ma' materja li kienet issemmiet f'minuta 14.2 ta' Seduta 28.

29.2.4 Is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi ma kienet waslet ebda informazzjoni b'konnessjoni ma' talba li kienet saret u li kienet giet diskussa f'minuta 15.1 ta' Seduta 28.

29.2.5 Is-Sur Daniel Zerafa staqsa jekk kienx hemm xi raguni li ghaliha ma kenitx tnehhiet hamrija li kienet giet diskussa f'minuta 15.4 ta' Seduta 28.
Is-Sindku spejga illi flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kien iddiskuta l-materja mal-Gvern Centrali u persuni li kienu invluti fil-pjan ta' rigenerazzjoni ghal-lokalita' u kienet ser tittiehed azzjoni qabel jinbeda x-xoghol fuq parkegg li kien ser isir fiz-zona.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' mal-haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu u kienu gew diskussi diffikultajiet li kien hemm.

29.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien ser ikun hemm laqgha dwar zvilupp li kien qieghed jigi propost minflok il-binja maghrufa bhala Hunter's Tower.

29.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien hemm numru ta' laqghat b'konnessjoni mar-rijorganizzazzjoni tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd.
Is-Segretarju Ezekuttiv ghadda rendikont ta' dak li kien gie diskuss.

29.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kien iltaqa' ma' Transport Malta u kien gie infurmat illi d-decizjoni li kienet ittiehdet mill-istess awtorita' li ma tinqelibx id-direzzjoni tat-Traffiku fi Triq Melqart u Triq Axtart kienet ser tibqa' valida.

29.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kellu komunikazzjonijiet mal-Perit Edric Micallef minn Transport Malta rigward zvilupp li kien qieghed isir fi Triq Barthelemy u Triq iz-Zejtun u ghadda l-informazzjoni li kien kiseb.

29.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li kellu ma rapprezentanti barranin, kien gie deciz illi delegazzjoni mill-Gappun tqatta' xi hin f'Marsaxlokk sabiex tinghata informazzjoni dwar il-Kunsill Lokali u l-lokalita'.

## 29.4 Mistoqsijiet lis-Sindku

29.4.1 Ma kienx hemm

## 29.5 Korrispondenza

29.5.1 Is-Segwenti applikazzjonijiet ghal zvilupp deheru fil-gazzetta tal-Gvern fuq talba tal-Awtorita' tal-Ippjanar u. EC/00381/16, PA/0040/02, PA/07288/06, PA/01741/01, PA/00481/93, PA/00910/94, PA/02240/01, PA/02528/01, PA/07377/98, PA00983/01, PA/02763/03, PA/05913/16, PA/04951/16, PA/01570/16, PA/02225/16, PA/05753/16, PA/01496/16, PA/04432/16, PA/04702/16, EC/00406/16, EC/00407/16, EC/00375/14, PA/05596/16, PA005620/16, PA/05676/16, PA/04032/16, PA/04079/16, PA/05253/16, PA/05540/16 u PA/0575/15.
Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet imsemmija ghajr ghal applikazzjoni numru PA/05253/16 li dwarha kellhom jintalbu dettalji.

29.5.2 E-mail datat 20 ta' Settembru 2016 li permezz tieghu is-Segretarju Ezekuttiv, informa lill-Kunsill Lokali illi s-sid tal-ufficcju amminsitrattiv kienet qieghda titlob zieda fil-kera. Wara li inghataw dettalji dwar it-talba kien hemm qbil fost il-Kunsilliera illi kellu jsir kuntratt gdid bil-Kunsill Lokali jhallas l-ammont mitlub. Madanakollu l-kuntratt kellu jsir ghal sena bl-possibilita' ta' estensjoni.Fil-frattemp il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti mal-Gvern Centrali sabiex jigu esplorati possibilitajiet ohra.

29.5.3 Permezz ta' zewg e-mails datati 30 ta' Settembru 2016, Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi x-xogholijiet fi Triq Lepanto u Triq Tonin Attard kienu tlestew u r-responsabilita' tal-istess toroq kienet qieghda tigi mghoddija lill-Kunsill Lokali.

29.5.4 E-mail datat 28 ta' Settembru 2016 minghand Transport Malta illi permezz tieghu il-Kunsill Lokali gie infurmat illi d-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Melqart ma kenitx ser tinbidel.

29.5.5 Ittra datata 11 t'Ottubru 2016 li permezz taghha l-Partit Nazzjonalista informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' politika li kienet ser tittella' fi Pjazza Madonna ta' Pompei nhar il-Hadd 16 t'Ottubru 2016.

29.5.6 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Settembru 2016 is-Sur Brian Cardona talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi f'Marsaxlokk jitpogga kontenitur ghar-riciklagg ta' hwejjeg uzati.
Wara diskussjoni gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jirrakkomanda illi tali kontenitur jitpogga fiz-zona tal-kappella ta' Tas-Silg.

29.5.7 Permezz ta' e-mail datat 7 t'Ottubru 2016 is-Sur Karl Serracino gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward parti minn Triq ic-Cippi li kienet sfrundat.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jara x'jista' jsir fir-rigward.

29.5.8 Permezz ta' e-mail datat 30 ta' Settembru 2016, l-Awtorita' tal-Ippjanar habbret li kienet irceviet pjanti godda b'konnessjoni ma' applikazzjoni numru PA/03782/16.

29.5.9 Permezz ta' e-mail datat 12 t'Ottubru 2016, Maltapost plc infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tikkunsidra t-talba tal-Kunsill Lokali ghal letter box fiz-zona ta' tas-Silg. Sabiex tkun tista' tevalwa ahjar it-talba madanakollu kien jinhtieg illi jigi identifikat sit mill-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi kellha ssir proposta ghal Triq il-Patrijiet Terezjani biswit Villa Xemx.

29.5.10 Permezz ta' e-mail datat 11 t'Ottubru 2016, il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex tigi organizzata attivita' f'isem ESPLORA Malta. Wara li inghataw id-dettalji tal-attivita' gie deciz illi minhabba li d-data proposta kienet ser tahbat ma' attivita' politika u z-zewg attivitajiet kienu ser isiru fl-istess post, ESPLORA Malta kellha tintalab tidentifika gurnata jew sit iehor.

29.5.11 E-mail datat 11 t'Ottubru 2016 li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi jtella' sessjonijiet permezz ta' programm Aqra mieghi. Il-proposta kienet illi l-programm jittella' fil-librerija tal-lokalita'.
Wara diskussjoni libera, filwaqt li kien hemm qbil li ma kellha tinstab ebda oggezzjoni, gie deciz illi kellha tinbidel il-gurnata sabiex tahbat mal-hin tal-ftuh ghall-pubbliku tal-librerija.

## 29.6 Materji u Rapporti ta' Kumitati / Sotto-Kumitati

5.6.1 Ma kienx hemm

## 29.7 Rapporti minn ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali

29.7.1 Ma kienx hemm

## 29.8 Materji Finanzjarji

29.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill abbozz ta' rapport finanziarju ta' kull kwart ghall-perjodu Lulju-Settembru 2016. Is-Sur Hall ghadda biex spjega fid-

dettall il-kontenut tar-rapport imsemmi u sahaq kif il-mizuri li kienu ttiehdu kienu rrizultaw f'meljorament tal-indikatur finanzjarju.
Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sa. Janice Chetcuti, ir-rapport gie approvat b'votazzjoni unanima.

## 29.9 Sejhiet ghall-offerti / kwotazzjonijiet

29.9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsill lokali illi kien jinhtieg li jinhatru l-ufficjali li kienu ser jahdmu fuq is-sejha ghall-offerti ghaz-zamma ta' *Soft areas* u gonna pubblici.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv ikun il-kordinatur tas-sejha, is-Sinjuri Caroline Desira u Joan Mifsud ikunu opening staff. Is-Sinjuri Steven Grech u Janice Chetcuti ikunu evaluators flimkien mas-Sindku

29.9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsill lokali illi kien jinhtieg li jinhatru l-ufficjali li kienu ser jahdmu fuq is-sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' skart goff.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv ikun il-kordinatur tas-sejha, is-Sinjuri Caroline Desira u Steven Grech ikunu opening staff. Is-Sinjuri Daniel Zerafa u Stephen Caruana ikunu evaluators flimkien mas-Sindku

## 29.10 Skema CIES

5.10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet giet accettata u *Jobs Plus* kienet baghtet lista' ta' kandidati eligibbli.
Wara diskussjoni libera, li matulha gie deciz illi kellhom isiru interviews lill-kandidati eligibbli mis-Sinjuri Horace Gauci, Janice Chetcuti u Duncan Hall, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni dwar il-kandidat/a maghzul/a fis-seduta segwenti.

## 29.11 Approvazzjoni ta' hlasijiet

29.11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 10/16 ) ghall-approvazzjoni.
Fuq mozzjoni tas-sur Daniel Zerafa, issekondat mill-Kunsilliera Janice Chetcuti, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inklu\i fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

## 29.12 Approvazzjoni ta' petty cash

29.12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahrug matul Settembru 2016.
Fuq mozzjoni tas-sur Horace Gauci, issekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 29.13 Approvazzjoni ta' works/purchase orders

29.12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' works/purchase orders mahrug matul Settembru 2016.
Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Horace Gauci, il-

Kunsill Lokali unanimament approva lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 29.14 Mozzjonijiet

29.14.1 Ma kienx hemm

## 29.15 Attivitajiet

29.15.1 Ma kienx hemm

## 29.16 Materji Ohra

29.16.1 Is-Sa. Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill Lokali illi minn informazzjoni li kellha kien ghadu ma giex ippublikat risk assessment plan b'konnesjoni mal-impjant il-gdid tal-generazzjoni ta' elettriku.
Is-Sur Horace Gauci spjega s-sitwazzjoni u qal illi kien infurmat illi l-kumpanija kkoncernata kienet ser tkun qieghda tippublika xi rapporti

29.16.2 Is-Sa. Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill Lokali illi minn informazzjoni li kellha kienu twahhlu xi arbli li kellhom konnessjoni mal-impjant ta' generazzjoni tal-elettriku u sahqet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jitlob l-informazzjoni kollha.
Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tintalab informazzjoni dwar il-materja.

29.16.3 Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk il-koperativi tas-sajjieda kienux mistiedna jippartecipaw fl-attivita' *Fish Fest 2016.*
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kienet intbaghtet ittra lill-koperativi tas-sajjieda fir-rigward.

29.16.4 Is-Sur Steven Grech talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsewwi fanali mkissra li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi x-xoghol ma kellux isir.

29.16.5 Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien ghaddej ix-xoghol fuq bankini godda biswit il-picc tal-waterpolo.

29.16.6 Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali b'diffikultajiet li kienu qamu kawza ta' nuqqas ta' infurzar fl-okkazjoni tal-festa tal-Madonna tar-Ruzarju li kienet habtet nhar il-Hadd 2 t'Ottubru 2016.

29.16.7 Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel double yellow line fi Triq Xatt is-Sajjieda bejn l-istabbilimenti Duncan's u Costa Coffee.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi peress illi fiz-zona msemmija ma setax isir parkegg kemm il-darba ikun possibbli l-proposta tas-Sur Zerafa kellha tigi implimentata.

29.16.8 Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jizgura illi l-latrini pubblici ikollhom attendant hekk kif maqbul fil-kuntratt.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illil-kuntrattur in-kwitsjoni kellu jissejjah ghas-seduta segwenti.

29.16.9 Is-Sur Daniel Zerafa staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward tankijiet li kien inkisbu u li kellhom jintuza bhala *litter bins*.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-kumpanija li kienet provdiet il-*litter bins* kienet sahqet illi jinghata cans qabel jitqattghu it-tankijiet minhabba kimika li kienu mcappsin biha.

29.16.10 Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjon tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jerga' jkellem lill-haddiema assenjati sabiex jigu ratifikati xi nuqqasijiet li fl-opinjoni tieghu kien hemm.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-sur Zerafa.

29.16.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stima ghal xogholijiet fuq uhud mill-bollards li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Hall zied jghid illi l-istima migbura minghand is-sur John Camilleri kienet tammonta ghal €805 u l-Kunsill Lokali kien kiseb approvazzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex jaghmel ix-xogholijiet.
Kien hemm qbil illi l-prezz kwotat kien ragjonevoli u l-Kunsill Lokali kellu jaghmel ordni tax-xogholijiet

29.16.12 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopji ta' stimi li kienu inkisbu mill-amministrazzjoni ghal dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied.
Wara li inghataw dettalji tal-istimi gie deciz illi qabel tittiehed decizjoni kellhom jigu kkuntattjati s-sidien tal-istabbilimenti bil-ghan illi jkun maghruf jekk kiex hemm xi uhud minnhom li kienu lesti li jghinu fil-materja

29.16.13 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jitlob lid-Dipartiment permess sabiex tinhareg sejha ghal Ufficjal Ezekuttiv. Is-Sur Grech zied jghid illi huwa kien tal-fehma illi tali opportunita' kellha tinghata lill-impjegati sabiex min jiehu l-grad ta' Ufficjal Ezekuttiv ikun jista' jinghata xoghol ta' responsabilita' akbar minn dik ta' skrivan.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta mressqa mis-sur Grech.

29.16.14 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsill Lokali fl-obbligu illi jinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv.
Wara diskussjoni libera, l-Kunsill Lokali qabel illi ma kellux jinhatar deputat Segretarju Ezekuttiv.

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2016

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Horace Gauci | Duncan Hall |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |